L-AKKADEMJA TAL-MALTI
AD 1920

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Żewġ seminars fuq il-*Kantilena* fil-Festival Medjevali tal-Imdina**

Wieħed u erbgħin sena ilu żewġ riċerkaturi li kienu għadhom mhux magħrufa ħabbru li kienu sabu poeżija miktuba bil-Malti medjevali. Din il-poeżija, li fissew hija għanja, kienet minsuġa għall-ħabta tal-1450 u waslitilna kopja tagħha bis-saħħa ta' Brandanu Caxaru f'dokument tal-1530.

Patri Mikiel Fsadni u Godfrey Wettinger, li aktar tard inħatar professur tal-Istorja, kienu riċerkaturi kollegi. Patri Fsadni dak iż-żmien kien qed ifittex fuq l-istorja tad-Dumnikani f'Malta filwaqt li Prof. Wettinger kien qed jirriċerka fuq l-ilsiera. It-tnejn li huma kienu wrew ix-xewqa li jsibu xi ħaġa bl-ilsien Malti u missithom ix-xorti mistħoqqa li jsibu l-Kantilena ta' Pietru Caxaru.

Wettinger u Fsadni tawna bosta tagħrif fi ktieb li huma ħarġu fl-1968. Bir-riċerka tagħhom huma fetħu l-istudju fuq il-Malti bikri u bis-sehem tagħhom l-istorja ta' lsienna stagħniet. L-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Mużew Palazzo Falson ser torganizza żewġ seminars li fihom ser jingħata aktar tagħrif kemm fuq l-Għanja kif ukoll fuq Pietru Caxaro.

Is-Sibt, 18 ta' April 2009 l-Prof. Stanley Fiorini se jagħmel taħdita bit-titlu "Il-Kantilena ta' Pietru Caxaro: bejn lingwa u storja" u l-għada l-Ħadd, 19 ta' April 2009 l-Prof. Godfrey Wettinger jagħmel taħdita bit-titlu "Pietru Caxaro – uliedu u omm uliedu". Il-*Kantilena* se tinqara mill-Prof. Manwel Mifsud u minn Dr Martin

Zammit, skont ir-regoli fonoloġiċi li kienu mħaddma fil-Malti medjevali. Hija okkażjoni tad-deheb għal min iħobb il-letteratura, speċjalment l-irreċtar tal-poeżiji fil-pubbliku. Is-Sur Toni Cortis ser jaqra silta mill-ktieb *Esperjenzi ta' Kittieb* ta' Patri Mikiel Fsadni M.Q.R. u jmexxi ż-żewġ seminars.

Dawn iż-żewġ taħditiet, flimkien mal-istudju li għamel f'Novembru 2008 s-Semitista ta' fama dinjija, il-Prof. Alexander Borg, tal-Università tan-Negev, Iżrael, ikomplu jibnu mal-għadd ta' studji interessanti li dehru mill-1968 'il hawn.

Is-seminars, li se jsiru fil-Palazz Falson bħala parti mill-Festival Medjeval tal-Imdina, idumu siegħa kull wieħed mill-10:00 sal-11:00 u għandhom jinteressaw lil kull min iħobb il-Malti u jħobb jisma' fuq il-qdumija tiegħu. Id-dħul huwa b'xejn u se jkun hemm offerta ta' nofs prezz għal min jixtieq iżur il-bqija tal-Palazzo Falson.

Tagħrif ieħor fuq il-Kantilena jinsab fis-sit tal-Akkademja tal-Malti www.akkademjatalmalti.com

---

19.04.2018